Nru./No. 19,968
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2018
Tuesday, 27th March, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2881 - 2888
Government Notices ..... *2881 - 2888*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2888 - 2890
Police Notices ..... *2888 - 2890*

Avviż lill-Baħħara 2891
Notice to Mariners *2891*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2891 - 2899
Employment Opportunities ..... *2891 - 2899*

Avviżi tal-Gvern ..... 2899 - 2901
Notices ..... *2899 - 2901*

Offerti ..... 2901 - 2915
Tenders ..... *2901 - 2915*

Avviżi tad-Direttorat għar-Reġistrazzjoni tal-Proprjetà Industrijali 2916
Industrial Property Registrations Directorate Notices *2916*

Avviżi tal-Qorti ..... 2916 - 2940
Court Notices ..... *2916 - 2940*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 347

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Chris Fearne MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, it-22 ta' Marzu, 2018, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat KUOM, BCom, BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

Il-21 ta' Marzu 2018
(OPM/40/2017)

Nru. 348

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2018, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 347 tal-21 ta' Marzu, 2018, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-23 ta' Marzu, 2018
(OPM/40/2017)

Nru. 349

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 35 imsejjaħ Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili.

Is-27 ta' Marzu, 2018

Nru. 350

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq parir

GOVERNMENT NOTICES

No. 347

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that Hon. Chris Fearne MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 22nd March, 2018, during the absence from Malta of Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

21st March, 2018

No. 348

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Friday 23rd March, 2018, and that the arrangements made by Government Notice No. 347 of the 21st of March, 2018, ceased to have effect accordingly.

23rd March 2018

No. 349

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 35 entitled the Notarial Profession and Notarial Archives (Amendment) Act, 2018.

27th March, 2018

No. 350

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta,

tal-Prim Ministru, awtorizzat ir-rikonoxximent tal-għotja ta' dawn l-unuri mill-Ordni Sovran Militari u Ospitallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta:

Grand Cross pro Merito Melitensi
Il-Baruni Igino Trapani Galea Feriol

Cross pro piis meritis pro Merito Melitensi
Ir-Rev. Mgr Paul Carmel Vella

Cross pro Merito Melitensi
Dott. Kevin Dingli
Is-Sa Karen Miller née Gaffiero
Is-Sur Christopher Galea
Dott. Dane Munro
Il-Kontessa Amalia Bugeja Fontani

Silver Medal pro Merito Melitensi
Is-Sur Leone Sciberras
Is-Sur Joseph Mangion

Medal of Merit for the Annual Pilgrimage to Lourdes
Ir-Rev. Kan. Antoine Borg
Is-Sur Michael Camilleri
Is-Sur Joseph Philip Farrugia
Is-Sur Radu Gheorghe
Is-Sa Helene Micallef
Is-Sa Clara Testaferrata Moroni Viani
Is-Sa Theresa Zammit
Dott. Theresa Zammit Lupi

L-1 ta' Marzu, 2018

Nru. 351

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,965 tal-20 ta' Marzu, 2018, u Nru. 19,967 tat-23 ta' Marzu, 2018, rispettivament.

A.L. 82 tal-2018: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju.

A.L. 83 tal-2018: Regolamenti tal-2018 dwar il-Kumitat għat-Trattament Mediċinali Eċċezzjonali (Avviż Legali 58 tal-2018); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honours by the Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta:

Grand Cross pro Merito Melitensi
The Most Noble Baron Igino Trapani Galea Feriol

Cross pro piis meritis pro Merito Melitensi
Very Reverend Mgr Paul Carmel Vella

Cross pro Merito Melitensi
Dr Kevin Dingli
Mrs Karen Miller née Gaffiero
Mr Christopher Galea
Dr Dane Munro
The Most Notable Countess Amalia Bugeja Fontani

Silver Medal pro Merito Melitensi
Mr Leone Sciberras
Mr Joseph Mangion

Medal of Merit for the Annual Pilgrimage to Lourdes
Reverend Can. Antoine Borg
Mr Michael Camilleri
Mr Joseph Philip Farrugia
Mr Radu Gheorghe
Miss Helene Micallef
Mrs Clara Testaferrata Moroni Viani
Mrs Theresa Zammit
Dr Theresa Zammit Lupi

1st March, 2018

No. 351

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 19,965 of the 20th March, 2018, and No. 19,967 of the 23rd March, 2018, respectively.

L.N. 82 of 2018: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Duty on Donations of Marketable Securities and Immovable Property Used for Business (Exemption) (Amendment) Order, 2018.

L.N. 83 of 2018: Exceptional Medicinal Treatment Committee Regulations, 2018 (Legal Notice 58 of 2018); Commencement Notice.

A.L. 84 tal-2018: Att dwar il-Ħin tas-Sajf ta' Malta (Kap. 230); Ordni tal-2018 dwar il-Ħin tas-Sajf.

L.N. 84 of 2018: Malta Summer Time Act (Cap. 230); Summer Time Order, 2018.

A.L. 85 tal-2018: Att tal-2018 li Jemenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) (Att Nru. V tal-2018); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. 85 of 2018: Drug Dependence(Treatment Not Imprisonment) (Amendment) Act, 2018 (Act No. V of 2018); Commencement Notice.

A.L. 86 tal-2018: Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378); Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali.

L.N. 86 of 2018: Consumer Affairs Act (Cap. 378); Credit Agreements for Consumers relating to Residential Immovable Property (Amendment) Regulations, 2018.

A.L. 87 tal-2018: Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378); Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur.

L.N. 87 of 2018: Consumer Affairs Act (Cap. 378); Consumer Credit (Amendment) Regulations 2018.

A.L. 88 tal-2018: Att dwar Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424); Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni).

L.N. 88 of 2018: Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424); Work Place (Minimum Health and Safety Requirements for Work at Construction Sites) Regulations, 2018.

A.L. 89 tal-2018: Att dwar Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424); Regolamenti tal-2018 li Jħassru r-Regolamenti dwar is-Sigurtà tal-Bini.

L.N. 89 of 2018: Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424); Building (Safety) (Repeal) Regulations, 2018.

A.L. 90 tal-2018: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2018, li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali.

L.N. 90 of 2018: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Procurement) (Amendment) Regulations, 2018.

Is-27 ta' Marzu, 2018

27th March, 2018

Nru. 352

No. 352

ĦATRA TAL-KUMITAT INTERMINISTERJALI FUQ IL-VJOLENZA DOMESTIKA

APPOINTMENT OF THE INTER-MINISTERIAL COMMITTEE ON DOMESTIC VIOLENCE

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza ħatret il-Kumitat Interministerjali fuq il-Vjolenza Domestika kif ġej:

IT is hereby notified that the Minister for European Affairs and Equality has appointed the Inter-Ministerial Committee on Domestic Violence as follows:

Chairperson
Is-Sa Katya Unah

Membri
Is-Sur Dennis Theuma
Is-Sur Joseph Busuttil
Is-Sa Joanne Battistino
Is-Sa Sylvana Gafà
Dr Sascha Reiff
Is-Sa Roberta Agius
Is-Sur Joseph Gerada
Dr Josianne Cutajar
Is-Sa Sandra Cortis

Chairperson
Ms Katya Unah

Members
Mr Dennis Theuma
Mr Joseph Busuttil
Ms Joanne Battistino
Ms Sylvana Gafà
Dr Sascha Reiff
Ms Roberta Agius
Mr Joseph Gerada
Dr Josianne Cutajar
Ms Sandra Cortis

Is-Sa Miriam Sevasta
Is-Sur Frank Mercieca
Dr Marc Sant
Is-Sur Michael Camilleri

Segretarja
Is-Sa Bridget Borg

Dawn il-ħatriet huma validi għal sena b'seħħ mit-23 ta' Frar, 2018.

Is-27 ta' Marzu, 2018

Nru. 353

BORD TA' MONITORAĠĠ GĦAL PERSUNI DETENUTI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Dott. Luciano Busuttil, BA LLD, inħatar *Chairperson* fuq il- Bord ta' Monitoraġġ għal Persuni Detenuti minflok Dott. Andy Ellul, LLD.

Din il-ħatra tibqa' fis-seħħ sal-24 ta' Settembru, 2019.

Is-27 ta' Marzu, 2018

Nru. 354

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Korrezzjoni ta' Skedar ta' Proprjetà f'Ħal Għaxaq

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 241 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 16,439 fis-7 ta' April, 1997, taħt it-titlu "Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Artikolu 46, Skedar ta' Proprjetà" li dehret man-notifijkazzjoni hawn fuq imsemmijja, il-parti tal-pjanta (ara paġna 2885) li tirreferi għall-konfini tal-proprjetà:

24, Triq San Pawl, Ħal Għaxaq

għandha tkun skont kif jidher hawn taħt:

(Iżda l-grad ta' protezzjoni tal-bini jibqa' kif inhu: Grad 2)

L-Awtorità tal-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 57 tal-Att tal-2016, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-30 ta' Jannar, 2018

Ms Miriam Sevasta
Mr Frank Mercieca
Dr Marc Sant
Mr Michael Camilleri

Secretary
Ms Bridget Borg

These appointments are valid for one year, with effect from the 23rd February, 2018.

27th March, 2018

No. 353

MONITORING BOARD FOR DETAINED PERSONS

IT is notified for general information that Dr Luciano Busuttil, BA LLaD, has been appointed as Chairperson on the Monitoring Board for Detained Persons in lieu of Dr Andy Ellul, LLD.

The nomination will remain valid until 24th September, 2019.

27th March, 2018

No. 354

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (SECTION 57)

Correction of Scheduling of Property at Għaxaq

WITH reference to Government Notice No. 241 published in the Government Gazette No. 16,439 of the 7 April, 1997, entitled "Scheduling of Property, Development Planning Act, 1992, Section 46, Scheduling of Property" published with the above mentioned notice, the part of the map (see page 2885) referring to the boundary of the property mentioned below, namely:


24, St Paul's Street, Ħal Għaxaq

should be as shown below:

(However, the grading of the building, remains unaltered: Grade 2)

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 57 of the 2016 Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

30th January, 2018



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000

Title:

Scheduling Correction

Nru. 24, Triq San Pawl, Hal Ghaxaq

Legend:

Nru. 24,
Triq San Pawl
Hal Ghaxaq

GRADE 2

Ref. No.: GF 497/96 Map No.: 1

Nru. 355

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq Xiri ta' *Solar Water Heaters* fis-Settur Domestiku – Sejħa 2011/SWH

SKONT is-Sezzjoni 3. (Emendi għall-Iskema) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 347 tal-2011, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jagħmel l-emenda li ġejja għall-Iskema: Mit-2 ta' April, 2018, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma mhuwiex se jibqa' jilqa' applikazzjonijiet mill-pubbliku inkonnessjoni mas-sejħa 2011/SWH.

Is-27 ta' Marzu, 2018

No. 355

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant on the Purchase of Solar Water Heaters in the Domestic Sector – Call 2011/SWH

IN accordance with Section 3. (Amendments to the Scheme) of Government Notice No. 347 of 2011, the Regulator for Energy and Water Services is making the following amendment to the Scheme: With effect from 2nd April, 2018, the Regulator for Energy and Water services is no longer accepting applications from the public in connection with Call 2011/SWH.

27th March, 2018

Nru. 356

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq Restawr ta' Bjar Domestiċi li jintużaw għall-Ilma tax-Xita – Sejħa 2013/DW

SKONT is-sezzjoni 3. (Emendi għall-Iskema) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1020 tal-2013, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jagħmel l-emenda li ġejja għall-Iskema: Mit-2 ta' April, 2018, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma mhuwiex se jibqa' jilqa' applikazzjonijiet mill-pubbliku inkonnessjoni mas-sejħa 2013/DW.

Is-27 ta' Marzu, 2018

No. 356

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant for the Restoration of Domestic Cisterns intended for Rain Water Harvesting – Call 2013/DW

IN accordance with section 3. (Amendments to the scheme) of Government Notice No. 1020 of 2013, the Regulator for Energy and Water Services is making the following amendment to the Scheme: With effect from 2nd April 2018, the Regulator for Energy and Water services is no longer accepting applications from the public in connection with Call 2013/DW.

27th March, 2018

Nru. 357

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq Xiri ta' Sistemi għal Użu Domestiku li Jnaqqsu l-Konsum tal-Enerġija – Sejħa 2012/RIDG

SKONT is-Sezzjoni 3. (Emendi għall-Iskema) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 409 tal-2012, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jagħmel l-emenda li ġejja għall-Iskema: Mit-2 ta' April, 2018, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma mhuwiex se jibqa' jilqa' applikazzjonijiet mill-pubbliku inkonnessjoni mas-sejħa 2012/RIDG.

Is-27 ta' Marzu, 2018

No. 357

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant on the Purchase of Systems for Domestic Use that Reduce the Consumption of Energy – Call 2012/RIDG

IN accordance with Section 3. (Amendments to the scheme) of Government Notice No. 409 of 2012, the Regulator for Energy and Water Services is making the following amendment to the Scheme: With effect from 2nd April, 2018, the Regulator for Energy and Water services is no longer accepting applications from the public in connection with Call 2012/RIDG.

27th March, 2018

Nru. 358

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq Xiri ta' *Heat Pump Water Heaters* fis-Settur Domestiku – Sejħa 2017/HPWH

SKONT is-sezzjoni 4. (Emendi għall-Iskema) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1146 tal-2017, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma qiegħed jagħmel l-emenda li ġejja għall-Iskema: Mit-2 ta' April, 2018, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma mhuwiex se jibqa' jilqa' applikazzjonijiet mill-pubbliku inkonnessjoni mas-sejħa 2017/HPWH.

Is-27 ta' Marzu, 2018

No. 358

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant on the Purchase of Heat Pump Water Heaters in the Domestic Sector – Call 2017/HPWH

IN accordance with section 4. (Amendments to the scheme) of Government Notice No. 1146 of 2017, the Regulator for Energy and Water Services is making the following amendment to the Scheme: With effect from 2nd April, 2018, the Regulator for Energy and Water services is no longer accepting applications from the public in connection with Call 2017/HPWH.

27th March, 2018

Nru. 359

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż skont l-Artikoli 58 u 73

SKONT id-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, il-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed hawnhekk jinnotifika lil persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap 406.

Numru tal-VAT	*Tax Payer*
1546-0605	John Cuschieri
1090-4113	John Cuschieri
1768-5915	Rachid Ezziyati
2126-2833	Markus Norbert Peter
1445-9928	Mario Scerri
1747-5132	Claude Paris
1002-8704	Jupiter Co Ltd
1002-8704	Veronica Gauci
1263-3730	Joseph Pillow
1007-7404	Events Travel & Incentives Ltd
1007-7404	Mark Borg Costanzi
2123-1825	Cleaning & Security Services Ltd
1953-5729	Antonino Mosca
1934-6635	Gerrit Willem Van Hemert
1934-6635	Typicaldutch Trading Ltd
1934-6635	Jannetje Anker
1563-4309	Keith Stagno Navarra
1814-4812	Clarence Busuttil

No. 359

VALUE ADDED TAX (CAP. 406)

Notice in terms of Articles 58 and 73

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Revenue is herby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap 406 has been issued in their regard.

Vat Number	*Tax Payer*
1546-0605	John Cuschieri
1090-4113	John Cuschieri
1768-5915	Rachid Ezziyati
2126-2833	Markus Norbert Peter
1445-9928	Mario Scerri
1747-5132	Claude Paris
1002-8704	Jupiter Co Ltd
1002-8704	Veronica Gauci
1263-3730	Joseph Pillow
1007-7404	Events Travel & Incentives Ltd
1007-7404	Mark Borg Costanzi
2123-1825	Cleaning & Security Services Ltd
1953-5729	Antonino Mosca
1934-6635	Gerrit Willem Van Hemert
1934-6635	Typicaldutch Trading Ltd
1934-6635	Jannetje Anker
1563-4309	Keith Stagno Navarra
1814-4812	Clarence Busuttil

Numru tal-VAT	*Tax Payer*
1814-4812	Bay Catering Co Ltd
1514-5233	Satouri Taoufik
2233-6812	Bernard Debono
1911-8433	Mark Mizzi
2121-2703	John Brown
2170-3035	Jonas Mikael Peter Olofsson

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika, il-Kummissarju tat-Taxxi se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi.

Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir tad-Dipartiment tat-Taxxi Fuq il-Valur Miżjud f'Birkirkara.

Is-27 ta' Marzu, 2018

Nru. 360

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.3.2018	€35.430	€0.461

Is-27 ta' Marzu, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 44

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Vat Number	*Tax Payer*
1814-4812	Bay Catering Co Ltd
1514-5233	Satouri Taoufik
2233-6812	Bernard Debono
1911-8433	Mark Mizzi
2121-2703	John Brown
2170-3035	Jonas Mikael Peter Olofsson

Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice, the Commissioner for Revenue will proceed to enforce payment in terms of law.

Copies of said notices may be collected from the Collection Section of the VAT Department, Birkirkara.

27th March, 2018

No. 360

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.3.2018	€35.430	€0.461

27th March, 2018

POLICE NOTICE

No. 44

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

San Ġiljan

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' April, 2018, mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq Lapsi, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Ġorġ u Triq Luigi Apap.

Il-Belt Valletta

Nhar is-Sibt, l-14 ta' April, 2018, mill-5.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Mediterran minn Pjazza Evans sal-Monument tal-Qanpiena.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Marzu, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 45

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Qala

Nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Marzu, 2018, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq San Ġużepp, Triq Lord Strickland, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg u Triq it-28 t'a April 1688.

Birkirkara

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Mejju, 2018, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Pjazza Sant' Elena, Triq Santu Rokku, Triq Fleur-De-Lys, Triq il-Wied, Triq il-Kbira, Triq Sant'Elena u Triq iż-Żebbiegħa.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Marzu, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Vetturi bi Status ta'
Abbandunata/Ingombru**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vetturi msemmija hawn taħt inġabru għall-finijiet tal-Artikolu 7 (1) u (2), Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

St Julian's

On Sunday, 1st April, 2018, from 7.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq Lapsi, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Ġorġ and Triq Luigi Apap.

Valletta

On Saturday, 14th April, 2018, from 5.00 a.m till noon, through Triq il-Mediterran from Evans Square till Bell Monument.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

27th March, 2018

POLICE NOTICE

No. 45

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Qala

On Wednesday, 28th March, 2018, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq San Ġużepp, Triq Lord Strickland, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg and Triq it-28 ta' April 1688.

Birkirkara

On Thursday, 3rd May, 2018, from 3.00 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza Sant' Elena, Triq Santu Rokku, Triq Fleur-De-Lys, Triq il-Wied, Triq il-Kbira, Triq Sant'Elena and Triq iż-Żebbiegħa.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th March, 2018

POLICE NOTICE

**Impound Vehicles with a
Status of Derelict/Encumbrance**

The Commissioner of Police notifies the general public that the following vehicles have been removed by virtue of Article 7 (1) and (2), of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

Lott Nru. *Lot No.*	Nru. ta' Reġ. *Reg. No.*	Mudell *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tal-VIN *VIN No.*	Nru. tal-Magna *Engine No.*
1	FAE668 No Plates	Piaggio		Black	ZAPM0200000017414	
2	No Plates	Yamaha		Orange	19G001053	
3	ACD852	Kymco	People	Blue	RFBD1000061420007	
4	IBH032 No Plates	Phsnton		Maroon	ZJM50000050006896	
5	JBS254 No Plates	Malaguti		White	ZJM84010284007411	
6	GIL831	Pulse		Black	LAELY246186600042	
7	FCG137	Honda	2Nen	Black	7DCKF06A03F000864	
8	DX93967	Zhongyn	ZY500T-7	Silver	Not visible	
9	FBJ195	Yamaha		Red	V8-1150720	V80-1124048
10	No Plates	Suomy		Black	L4P1UMH0691001975	
11	DBZ972	Peugeot	Tweet	Black	VGALW2AAAES014737	
12	No Plates	Snen	125T	B/white	L5YTCJPA5A1130451	BM1520M1-3-A2801894
13	No Plates	Piaggio		Blue	ZAPM0100000015814	
14	No Plates	Piaggio	Pedal/Bike	Blue	DGM18842EST22100	
15	ABQ164	Nen Fang	NF90	Maroon	NF9097040006	
16	No Plates	Honda		White	PE04-5401084	PE04E-5705924
17	FAN828	Honda		Red	942795	
18	No Plates	Honda		Black	LRYYCJL0970090906	
19	No Plates	Honda		Red	NC301050529	
20	No Plates	Honda		Black	ZDCPC36A02F016080	PC25E-6644927
21	No Plates	Piaggio	Vespa	Red	Not Visible	C161M69185
22	No Plates	Piaggio		Blue	Not Visible	
23	No Plates	Honda		White	RE0454010347	
24	No Plates	Junak		Black	LFUE4JLF060000155	
25	No Plates	Yamaha		Silver	Grinded Off	Grinded Off
26	No Plates	Piaggio	Pedal Bike	Red	Without Vin	Without Eng.
27	No Plates	Peugeot		Black	F082034001729	
28	No Plates	Daelim		Silver	F1024016	
29	FBO132	Sym		Silver	Without Vin	
30	FAB031	Gilera		Blue	ZAPM0800003005172	
31	ISM006	Samco		Blue	NF9097040005	
32	Foreign Plates	Isuzu	Truck	Red		
33	WN61EBF	Ford	Transit	White		

Dawn il-vetturi jinsabu fil-bitħa tal-garaxx tal-Pulizija fil-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Taqsima ALE, MT Garage, il-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana. Tel: 2122 4001.

Is-27 ta' Marzu, 2018

All the above listed vehicles are being kept at the Police Garage, in Notre Dame Ditch, Floriana

Further information can be obtained from the Police General Headquarters, ALE and MT Garage Sections, Notre Dame Ditch, Floriana. Tel: 2122 4001.

27th March, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 19 tal-2018

Logħob tan-Nar – Festa Speċjali tal-Madonna tal-Karmnu – l-4 ta' April, 2018

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li fl-4 ta' April, 2018, il-logħob tan-nar b'konnessjoni mal-festa speċjali tal-Madonna tal-Karmnu se jinħaraq mis-swar ta' San Girgor, Il-Belt Valletta mill-pożizzjoni ta' hawn taħt:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 54'.204	014° 31'.039

Il-ħinijiet tal-logħob tan-nar huma kif ġej:

mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m.
minn nofsinhar sa 12.10 p.m.
mid-9.15 p.m. sal-9.45 p.m.

Il-baħħara għandhom iżommu distanza sikura ta' mill-inqas 200 metru mill-pożizzjoni indikata. Huma għandhom ukoll iżommu 'l bogħod u jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12 waqt li jkunu deħlin u jbaħħru bejn il-Port ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir.

Pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA Chart 177

Is-27 ta' Marzu, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 19 of 2018

Fireworks – Special Feast of Mount Carmel – 4th April, 2018

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that on the 4th April, 2018, fireworks in connection with a special feast of Our Lady of Mt Carmel, will be let off from St Gregory bastions, Valletta, from the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.204	014° 31'.039

The times of the fireworks are as follows:

from 8.00 a.m. until 8.10 a.m.
from noon until 12.10 p.m.
from 9.15 p.m. until 9.45 p.m.

Mariners are to keep a safe distance of at least 200 metres from the position indicated. They are also to maintain a wide berth and to comply with any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 while entering and navigating between Marsamxett Harbour and Grand Harbour.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart effected: BA Chart 177

27th March, 2018

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Akkademiku Resident *Full-time* fl-Arti u d-Disinn (Prattika u Teorija)

Dipartiment tal-Arti Diġitali – Fakultà tal-Midja u Xjenzi tal-Għarfien

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-Post Akkademiku Residenti *Full-time* fl-Arti u d-Disinn (Prattika u Teorija) fid-Dipartiment tal-Arti Diġitali (Prattika u Teorija) fi ħdan il- Fakultà tal-Midja u Xjenzi tal-Għarfien tal-Università ta' Malta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' Marzu, 2018

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Full-timePost in Art and Design (Practice and Theory)

Department of Digital Arts – Faculty of Media and Knowledge Sciences

Applications are invited for a Resident Academic full-time post in Art and Design (Practice and Theory) in the Department of Digital Arts within the Faculty of Media and Knowledge Sciences of the University of Malta.

More information can be obtained from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th March, 2018

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Akkademiku Resident *Full-time* fl-Istudji taż-Żfin

L-Iskola tal-Performing Arts

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-Post Akkademiku Residenti *Full-time* fl-Istudji taż-Żfin fl-Iskola tal-*Perfoming Arts* tal-Università ta' Malta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' Marzu, 2018

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Akkademiku Resident *Full-time* fl-Istudji tal-Isport

L-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-Post Akkademiku Residenti *Full-time* fl-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport tal-Università ta' Malta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' Marzu, 2018

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post/Postijiet *Full-time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka II jew III

SIMIT-THARSY – *"Tsunami Hazard and Response System"*
Programm INTERREG V-A Italja-Malta

u Proġetti Oħra Meħuda mid-Dipartiment tal-Ġeoxjenzi fi ħdan il-Fakultà tax-Xjenza

1. Id-Dipartiment tal-Ġeoxjenzi, fi ħdan il-Fakultà tax-Xjenza, l-Università ta' Malta, jeħtieġ is-servizzi ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka II jew III biex j/taħdem fuq attivitajiet assoċjati mal-proġett SIMIT-THARSY, li jittratta dwar periklu u riskji ta' tsunami. Il-proġett hu kofinanzjat mill-Programm Italja-Malta fejn l-Università ta' Malta hija msieħba. L-Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka j/tista' j/tkun meħtieġ/a j/taħdem fuq proġetti oħra meħuda mid-Dipartiment tal-Ġeoxjenzi.

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Full-time Post in Dance Studies

School of Performing Arts

Applications are invited for a Resident Academic full-time post in Applications are invited for a Resident Academic full time post in Dance Studies in the School of Performing Arts of the University of Malta.

More information can be obtained from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th March, 2018

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Full-time Post in Sport Studies

Institute for Physical Education and Sport

Applications are invited for a Resident Academic full-time post in Sport Studies in the Institute for Physical Education and Sport of the University of Malta.

More information can be obtained from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th March, 2018

UNIVERSITY OF MALTA

Post/s of Full Time Research Support Officer II or III

SIMIT-THARSY – *"Tsunami Hazard and Response System"*
INTERREG V-A Italia-Malta Programme

and any Other Projects Undertaken by the Department of Geosciences within the Faculty of Science

1. The Department of Geosciences, within the Faculty of Science, University of Malta, requires the services of a Research Support Officer II or III to work on activities associated with the SIMIT-THARSY Project, dealing with tsunami hazard and risk. The project is co-financed by the Italia-Malta Programme in which the University of Malta is a partner. The Research Support Officer may also be required to work on other projects undertaken by the Department of Geosciences.

2. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja taċ-ċertifikati lil (projects.hrmd@um.edu.mt) sa mhux aktar tard mis-Sibt, il-31 ta' Marzu, 2018.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

3. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' Marzu, 2018

2. Candidates must submit their letter of application, a copy of their curriculum vitae and a copy of their certificates to (projects.hrmd@um.edu.mt) by not later than Saturday, 31st March, 2018.

Late applications will not be considered.

3. Further information may be obtained from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th March, 2018

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post/Postijiet *Full-time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka

Żvilupp ta' sistemi aġġornati ta' rispons ibbażati fuq ir-raġġi għal-Large Hadron Collider f'CERN
Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari (CERN)

Dipartiment tal-Komunikazzjonijiet u l-Inġinerija tal-Kompjuter, Fakultà għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni

1. Applikazzjonijiet qed jiġu milqugħa għal Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka biex j/taħdem fuq fuq proġett f'kollaborazzjoni bejn l-Università ta' Malta, l-Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari (CERN) f'Ġinevra, l-Iżvizzera u d-Dipartiment tal-*Beams* f'CERN. Il-proġett ta' riċerka se jinvolvi l-iżvilupp ta' sistemi aġġornati ta' rispons ibbażati fuq ir-raġġi għal-*Large Hadron Collider (LHC)* f'CERN. Aktar informazzjoni dwar CERN tista' tinkiseb mis-sit elrttroniku tal-organizzazzjoni (http://home.web.cern.ch/).

2. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja taċ-ċertifikati permezz ta' *email* lil (projects.hrmd@um.edu.mt). Kandidati internazzjonali huma mitluba jippreżentaw traduzzjonijiet tal-kwalifiki tagħhom bl-Ingliż. Applikazzjonijiet u dokumenti jintlaqgħu sa mhux aktar tard mis-Sibt, il-31 ta' Marzu, 2018.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

3. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' Marzu, 2018

UNIVERSITY OF MALTA

Post/s of Full-time Research Support Officer

Development of upgraded beam-based feedback systems for the Large Hadron Collider at CERN
European Organisation for Nuclear Research (CERN)

Department of Communications and Computer Engineering, Faculty of Information and Communication Technology

1. Applications are invited for a Research Support Officer to work on a project in a collaboration between the University of Malta, the European Organisation for Nuclear Research (CERN) in Geneva, Switzerland and the Beams Department at CERN. The research project will involve development of upgraded beam-based feedback systems for the Large Hadron Collider (LHC) at CERN. Further information about CERN can be obtained from the organisation's website (http://home.web.cern.ch/).

2. Candidates must submit their letter of application, a copy of their curriculum vitae and a copy of their certificates by email to (projects.hrmd@um.edu.mt). International candidates are required to present certified translations of their qualifications into English. Applications and supporting documents should be received by not later than Saturday, 31st March, 2018.

Late applications will not be considered.

3. Further information may be obtained from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th March, 2018

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Officer/Executive Marketing
Jobsplus Permit: 3/2018

MITA qed tfittex li timpjega uffiċjal biex jingħaqad mat-tim tal-*Marketing and Communications*. Ir-rwol jinvolvi livell ta' kreattività u ħsieb kreattiv biex taġġorna u tissorvelja l-*media* soċjali b'kontenut rilevanti.

Il-kandidat li jintgħażel, filwaqt li jkollu moħħ kreattiv flimkien ma' għarfien ta' diversi tekniċi diġitali u jkun familjari mal-pjattaformi tal-*media* soċjali attwali, hu mistenni li jkollu waħda minn dawn is-settijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenza fil-qasam tal-*Marketing* u/jew Komunikazzjonijiet:

Rekwiżiti għall-Eliġibbiltà

Il-kandidat magħżul għandu jkollu wieħed minn dawn is-settijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenza:

i) Kwalifika relatata ma' ICT (Livell MQF 5); jew

ii) Kwalifika relatata ma' ICT (Livell MQF 4) flimkien ma' sena esperjenza f'qasam relatat; jew

iii) Sentejn esperjenza f'qasam relatat.

Gradwati ġodda jistgħu jkunu offruti opportunità ta' impjieg suġġetta għad-dispożizzjoni tar-riżultati finali.

CV dettaljata, flimkien ma' *email* ta' applikazzjoni, kopji *scanned* taċ-ċertifikati u l-isem ta' żewġ referenzi u l-indirizz tal-*email* tagħhom għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mit-Tlieta, it-3 ta' April, 2018, lil (careers.mita@gov.mt).

Is-27 ta' Marzu, 2018

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Officer/Executive Marketing
Jobsplus Permit: 3/2018

MITA is seeking to employ an Officer to form part of the Marketing and Communications team. The role entails a degree of creativity and outside the box thinking to update and monitor Social Media with relevant content.

The successful candidate, whilst having a creative mind coupled with knowledge of various digital marketing techniques together with fluency in current social media platforms, is expected to hold either of the following set of qualifications and/or experience in the area of Marketing and/or Communications:

Eligibility Requirements

Eligible candidates will hold either of the following combinations of qualifications and experience:

i) A qualification at MQF level 5 or higher, in which case no previous experience is necessary; or

ii) A qualification at MQF level 4 together with one year's related working experience; or

iii) Two years related experience.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

A detailed CV, together with a covering email, scanned copies of certificates and the names of two referees and their email addresses must be submitted by not later than Tuesday, 3rd April, 2018, to (careers.mita@gov.mt).

27th March, 2018

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISIKA

Pożizzjoni ta' Direttur tal-Istatistka Ekonomika u tan-Negozju

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Iċ-*Chairman* tal-Awtorità tal-Istatistika qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal pożizzjoni ta' Direttur tal-Istatistika Ekonomika u tan-Negozju biex jaħdem fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Position of Director of Economics and Business Statistics

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Chairman of the Malta Statistics Authority welcomes applications for the position of Director of Economics and Business Statistics in the National Statistics Office.

Perjodu Kuntrattwali u Kundizzjonijiet Oħra tax-Xogħol

Il-kandidat magħżul jidħol għall-kariġa ta' Direttur tal-istatistika ekonomika u tan-negozju mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, li hija l-id eżekuttiva tal-Awtorità tal-Istatistika, (MSA) b'kuntratt definit għal perjodu ta' tliet snin. It-terminu tal-kuntratt jista' jiġi mġedded fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Awtorità tal-Istatistika.

Il-pożizzjoni ta' Direttur hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Ir-Remunerazzjoni ta' Direttur

Għas-sena 2018 ir-rwol ta' Direttur fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika huwa intitolat għal salarju gross ta' €35,851; kif ukoll *allowance* ta' komunikazzjoni, *allowance* ta' *expense* u *allowance* ta' karozza.

Il-pożizzjoni ta' Direttur hija suġġetta għal *performance bonus*, sa massimu ta' 15 fil-mija tas-salarju gross, fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika li jiġi kkonfermat mill-Bord tal-Awtorità.

Ir-remunerazzjoni għas-snin 2019 u 2020 tigi reveduta wara li jingħalaq il-ftehim kollettiv għall-impjegati. Sakemm jiġi ddeterminat is-salarju gross tas-snin 2019 u 2020, il-kundizzjonijiet stabilliti għas-sena 2018 japplikaw.

Dmirijiet

Id-Direttur għandu:

Jipprovdi direzzjoni lill-membri fid-direttorat tal-istatistika tal-ekonomija u tan-negozju sabiex jassigura kordinament statistiku;

Jipprovdi gwida esperta lid-Direttur Ġenerali fuq materja teknika fi ħdan id-direttorat tal-ekonomija u tan-negozju;

Jassisti lid-Direttur Ġenerali fil-formazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' pjan strateġiku għall-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika;

Jassigura li l-produzzjoni tal-istatistika timxi strettament fuq kunsiderazzjonijiet professjonali, li jinkludu prinċipji

Duration of Assignment and Conditions

The selected candidate will enter into a three year assignment as a Director with the National Statistics Office (NSO) which is the executive arm of the Malta Statistics Authority (MSA). On a positive recommendation of the Director General of the National Statistics Office, the role of Director can be extended for a further period by the MSA board.

The position of Director is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Directorship Remuneration

For the year 2018 a directorship role with the NSO is entitled to a gross salary of €35,851 together with a communication allowance, expense allowance and a car allowance.

The position of Director is also subject to a performance bonus recommended by the Director General of the NSO and confirmed by the MSA Board. The directorship bonus cannot exceed the maximum of fifteen per cent (15%) of the annual gross wage.

The remuneration for 2019 and 2020 will be reviewed in line with changes to salary structures following the signing of a new collective agreement. Until the remuneration package for 2019 and 2020 are established, the 2018 Director's remuneration package will apply.

Duties

The Director should:

Provide direction to the Unit Managers within the Directorate of Economics and Business Statistics while ensuring co-ordination across Units and alignment with the rest of the organisation;

Provide expert guidance to the Director General on all technical issues related to economic and business statistics;

Assist the Director General in the formulation and implementation of a strategic plan for the National Statistics Office;

Ensure that the production of statistics follow strict professional considerations, including scientific principles

xjentifiċi u etika professjonali, fuq metodi u proċeduri ta' kollezjoni, ipproċessar, ħażna u preżentazzjoni tal-istatistika;

Jassigura li l-informazzjoni tal-istatistika tkun imsejsa fuq metodoloġija internazzjonali u maħruġa fil-ħin stipulat;

Jassigura li dejjem tinżamm relazzjoni tajba u professjonali ma' min jipprovdi d-data kif ukoll ma' min juża l-istatistika;

Jassigura li l-unitajiet operattivi li jaqgħu fid-dekasteru tad-Direttur ikkonċernat isegwu proċeduri speċifiċi tal-operat; u

Kwalukwe dmir ieħor iddelegat mid-Direttur Ġenerali sabiex jilħaq l-għanijiet tal-Uffiċċju.

Rekwiżiti tal-Eligibbiltà:

Applikanti għal din il-pożizzjoni għandhom ikollhom kwalifiki minimi kif stipulati hawnhekk:

(a) PhD, jew ekwivalenti, f'wieħed minn dawn is-suġġetti: ekonomija, *business management*, matematika, statistika, *banking and finance*, kompjuter jew suġġett relatat, u tal-anqas ħames (5) snin esperjenza f'ambjent simili għall-Uffiċċju tal-Istatistika bi tliet (3) snin f'operat ta' natura maniġerjali;

(b) Lawrja ta' *Masters* jew ekwivalenti f'wieħed minn dawn is-suġġetti: ekonomija, *business management*, matematika, statistika, *banking and finance*, kompjuter jew suġġett relatat, u tal-anqas sitt (6) snin esperjenza f'ambjent simili għall-Uffiċċju tal-Istatistika b'erba' (4) snin f'operat ta' natura maniġerjali;

(c) Lawrja jew ekwivalenti f'wieħed minn dawn is-suġġetti: ekonomija, *business management*, matematika, statistika, *banking and finance*, kompjuter jew suġġett relatat, u tal-anqas tmien (8) snin esperjenza f'ambjent simili għall-Uffiċċju tal-Istatistika b'erba' (4) snin f'operat ta' natura maniġerjali.

Il-kandidati għandhu jkollhom dawn il-kwalitajiet:

Għarfien teoretiku fil-qasam statistiku tal-ekonomija u tan-negozju, kif ukoll l-applikazzjoni tagħhom fil-formazzjoni ta' proċessi;

and professional ethics, on the methods and procedures for the collection, processing, storage and presentation of statistical data;

Ensure that all statistical outputs meet the expected statistical methodological standards and are disseminated on schedule;

Ensure that a good working relationship – with both data subjects and users of statistics – is maintained at all times and to the highest professional standards;

Ensure that all statistical units within the economics and business directorate follow standard business operation procedures; and

Any other duty delegated by the Director General to meet Office exigencies.

Eligibility Criteria

Applicants must, by the closing date of submission of the application, be in possession of a minimum of:

(a) A PhD, or equivalent, qualification in Economics, Business Management, Mathematics, Statistics, Banking and Finance, Business and Computing or a related subject, and at least 5 (five) years experience in a technical environment within the economic sphere, of which three (3) years must be in a managerial position managing sizeable teams or;

(b) A Masters degree or equivalent in Economics, Business Management, Mathematics, Statistics, Banking and Finance, Business and Computing or a related subject and at least six (6) years experience in a technical environment within the economic sphere, of which four (4) years must be in a managerial position managing sizeable teams or;

(c) An Honours Degree or equivalent in Economics, Business Management, Mathematics, Statistics, Banking and Finance, Business and Computing or a related subject and at least eight (8) years experience in a technical environment within the economic sphere, of which four (4) years must be in a management position managing sizeable teams.

Candidates should possess the following skills:

Knowledge of economics and business statistics theory as well as their application in process formulation;

Abbiltà li jevalwa b'mod kritiku kemm id-data kif ukoll il-proċessi statistiċi – għarfien fuq il-kumpilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali ekonomiċi, u għarfien ta' kunċetti ta' metodoloġiji, sorsi tad-data, u l-ipproċessar tad-data fil-kumpilazzjoni tal-istatistika;

Għarfien tajjeb tal-użu tal-IT fil-qasam speċjalment fejn jidħlu proċessi kumplessi;

Esperjenza estensiva ta' ġestjoni maniġerjali moderna kif ukoll ta' natura teknika sabiex l-istrateġija tal-Uffiċċju tiġi trażmessa fl-operat tal-istatistika. Il-kariga ta' Direttur teħtieġ l-imaniġġjar ta' unitajiet multidixxiplinari;

Loġiku u jagħti l-attenzjoni sħiħa biex iwettaq tibdil bil-galbu u b'mod li jkun sostenibbli;

Abbiltà li jħares b'mod kritiku lejn il-prodott tal-unitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tiegħu sabiex itejjeb il-prodott aħħari tal-istatistika b'appoġġ mal-*istakeholders* kollha.

Dixxiplinat u motivat b'kapaċitajiet li kemm jipprijoritizza ħinu skont l-eżiġenzi tax-xogħol kif ukoll juri effiċjenza biex isolvi problemi kkumplikati.

Ħiliet ippruvati ta' komunikazzjoni bil-miktub u orali lejn udjenzi varji. Dawn iwassluh biex ikun jista' kemm jikteb kif ukoll jikkomunika rapporti tekniċi lil udjenzi differenti kemm fl-instituzzjoni kif ukoll lil hinn minnha.

Iwettaq operazzjonijiet statistiċi ta' natura kumplessa u li n-natura tagħhom tirrekjedi intelliġenza numerika; u

Jippossiedi ġestjoni ta' tmexxija ppruvata u jesibixxi sensibbiltà emozzjonali (*emotional intelligence*).

Proċeduri tal-Applikazzjoni

Kandidati interessati huma mitluba li jibagħtu ittra ta' applikazzjoni, flimkien ma' *curriculum vitae* li jinkludi tliet (3) kuntatti ta' *referees*, kopji ta' ċertifikati ta' kwalifikazzjoni u ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti li jiddikjara kondotta kriminali nadifa. Waqt is-sezzjonijiet tal-intervista il-kopji oriġinali tal-kwalifiki għandhom jiġu vverifikati mill-bord.

Ability to critically review economic and business statistics data as well as implement statistical processes. Be knowledgeable in national economic accounting frameworks, familiar with statistical concepts, data sources, and statistical methodologies used in statistical compilation;

Strong understanding of IT based processes and values the usefulness of enhanced data capability;

Experience in managing a technical organisation or part thereof through the use of modern management practices. Highly skilled at translating strategy into operational delivery. Expert at managing and leading large, multidisciplinary teams;

Thorough and logical mind, with attention to detail. A demonstrated ability to think strategically and drive sustainable change;

Able to critically review data and data processes; quickly understand end-to-end processes that support the business and work with relevant stakeholders to generate visionary solutions to issues;

A self-motivated team player who is able to define, structure and prioritise work for self as well as others, but who also has the flexibility and capability to rationalise complex problems and also change priorities when circumstances dictate;

Excellent verbal and written communication skills that may appeal to a wide variety of audiences. Ability to prepare and deliver technical reports and presentations to different audiences both internal and external to the organisation;

Delivering large-scale programmes or projects within a complex and demanding data-driven environment; and

Possesses strong leadership skills and exhibits a high degree of emotional intelligence.

Application Procedure:

Potential candidates are expected to send in an application letter, a detailed curriculum vitae containing at least contact details of three (3) referees, copies of certificates of qualifications obtained and a certificate issued by the competent authority attesting the absence of any criminal record. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at interview stage.

Kull dokument mitlub għandu jasal għand l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika sal-għeluq tan-negozju tal-20 ta' April, 2018, permezz ta' ittra postali jew b'ittra elettronika.

Applikazzjoni b'ittra postali: L-applikazzjonijiet għandhom jaslu magħluqa u mmarkati 'Direttur tal-istatistka ekonomika u tan-negozju,' u mibgħuta, Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika, Lascaris, Il-Belt Valletta VLT 2000.

Applikazzjoni b'ittra elettronika: Applikazzjonijiet jintbagħtu bis-suġġett 'Direttur tal-Istatistka ekonomika u tan-negozju,' lil (msa@gov.mt).

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Kull applikazzjoni tiġi rikonoxxuta wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu mibgħuta permezz ta' ittra u l-individwu għandu jassigura li l-applikazzjoni tiegħu tasal sad-data u l-ħin stipulat.

Fejn ikun possibbli l-konferma tal-applikazzjoni tintbagħat b'ittra elettronika. Fejn dan mhux possibbli, tinħareġ ittra.

Fil-każ li applikant ma jirċevix notifika ta' konferma li l-applikazzjoni tiegħu ġiet irreġistrata mal-Awtorità tal-Istatistika sa ħamest (5) ijiem wara l-għeluq tal-applikazzjonijiet, hija r-responsabbiltà sħiħa tal-individwu li jikkonferma l-pożizzjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

Materja Oħra

(a) L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżjonijiet ġenerali fejn jikkonċernaw is-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, liema proviżjonijiet jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku (www.ncfhe.org.mt). Din id-dikjarazzjoni għandha tkun mehmuza mal-applikazzjoni u l-kopja oriġinali ppreżentatata lill-bord waqt l-intervista.

(b) Persuni reġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għalkollox il-parametri tal-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom.

All documentation must reach the office by close of business of the 20th of April, 2018, through regular post or email.

Postal procedure: Applications should be sealed and marked as 'Director Economics and Business Statistics' and addressed to The Chairman, Malta Statistics Authority, Lascaris, Valletta VLT 2000.

Email procedure: Applications should have as their subject: 'Director Economics and Business Statistics' and sent to (msa@gov.mt).

Late applications will not be considered. All applications will be acknowledged after the closing date of applications.

Applications by post should be sent by mail and in sufficient time to ensure delivery by the closing date.

Whenever possible all applications will be acknowledged by email otherwise through regular post.

In the absence of an acknowledgment within five (5) working days from the closing date of applications, it is the responsibility of applicants concerned to confirm with the receiving entity, at the above address, receipt of their application by the closing date.

Other Matters

(a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to request a recognition statement from the Qualifications and Recognition Information Centre (QRIC). The application form may be downloaded from the QRIC section on the National Commission for Further and Higher Education website (www.ncfhe.org.mt). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap 413), even if they do not fully satisfy the eligibility requirements; this provided they can carry out, in essence, the duties related to the position/s applied for.

Is-sottomissjonijiet skont din il-klawżola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD.Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà, u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

Is-27 ta' Marzu, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Sejħa ta' Interess – Servizz ta' *Communications Officer* ma' Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Malti għall-Għaqdiet tal-Volontarjat flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sports u Għaqdiet tal-Volontarjat

Aġenzija Żgħażagħ u Kunsill Malti għall-Għaqdiet tal-Volontarjat flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sports u Għaqdiet tal-Volontarjat qed jilqgħu applikazzjonijiet għal *shared services* ta' *Communications Officer*.

Informazzjoni dettaljata hija aċċessibbli fuq is-siti elettroniċi ta l-Aġenzija Żgħażagħ (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

Ittra ta' espressjoni ta' Interess, f'format ta' *Europass Curriculum Vitae* flimkien ma' esperjenzi u referenzi jintlaqgħu minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013 f'envelopp magħluq sa mhux aktar tard mit-Tlieta, l-10 ta'April, 2018 f'nofsinhar. Ir-remunerazzjoni finanzjarja għandha tkun kalkulata fuq sena kalendarja u tkun VAT inluża.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand is-Sa Rowena M Borg fuq Tel. Nru. 2258 6700 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew bl-*email* fuq (rowena-marie.borg@gov.mt).

Is-27 ta' Mazu, 2017

Representations in terms of this clause should be attached to the application form and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the National Statistics Office and copied to the NCPD.

27th March, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Expression of Interest – Services of Communications Officer with Aġenzija Żgħażagħ and the Malta Council of Voluntary Organisations together with Parliamentary Secretariat for Youth, Sports and Voluntary Organisations

Aġenzija Żgħażagħ and the Malta Council of Voluntary Organisations together with Parliamentary Secretariat for Youth, Sports and Voluntary Organisations are seeking to share the services of a Communications Officer.

Full details and specifications, can be downloaded from Aġenzija Żgħażagħ websites (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

Expression of Interest letters including a Europass Curriculum Vitae together with work experience and references are to be submitted to Aġenzija Żgħażagħ St. Joseph High Road Santa Venera SVR 1013 in a sealed envelope by not later than noon of Tuesday, 10th April, 2018. The financial proposal submitted should be calculated per annum and be VAT inclusive.

Applications must be submitted either by hand or through registered post, allowing sufficient time to ensure delivery by the above stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within seven days.

Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtained from Ms Rowena M Borg on Tel. No. 2258 6700 from Monday to Friday from 9.00 a.m. till 3.00 p.m. or via e-mail (rowena-marie.borg@gov.mt).

27th March, 2017

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

TELT (Eżami għall-Għalliema tal-Lingwa Ingliża)
Marzu 2018

L-Ewwel Parti – Eżami tal-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi ġie pubblikat u wieħed jista' jarah id-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Is-27 ta' Marzu, 2018

EXAMINATIONS DEPARTMENT

TELT (Test For English Language Teachers)
March 2018

Part I – Written Session

The Director of Examinations notifies that the result of the above examination has been published and may be seen at the Examinations Department, The Mall, Triq Sarria, Floriana, Malta and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

27th March, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Talbiet għal Pagamenti għall-Bdiewa u Raħħala fuq Skemi Diretti u Dawk Marbuta mal-Art

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima se tilqa' talbiet għal pagamenti għas-sena 2018 fuq diversi skemi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea u kofinanzjati mill-Gvern Malti.

L-iskemi li wieħed jista' japplika għal għajnuna finanzjarja taħthom huma:

Pagamenti Diretti
Għajnuna fuq Żoni Żvantaġġati
Miżuri Agro-Ambjentali 2007-2013
Miżuri Agro-Ambjentali-Klima 2014-2020
Miżuri ta' Biedja Organika 2014-2020
Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali

It-talbiet għal Pagamenti se jintlaqgħu mit-Tlieta, l-20 ta' Marzu, 2018 sat-Tlieta, il-15 ta' Mejju, 2018.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt)
iċempel in-numru 2292 6148
jibgħat *email* lil (arpa.mesdc@gov.mt)
imur personalment il-Front Office, Pitkali Markets, Ta' Qali, Ħ'Attard, jew l-Uffiċċju tal-Aġenzija għal Pagamenti Agrikoli u Rurali, Qasam Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex

Is-27 ta' Marzu, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

Payment Claims related to Direct and Area Aid Schemes for Farmers and Livestock Breeders

The Agricultural and Rural Payments Agency within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change will be receiving payment claims for the year 2018 on various schemes financed by the European Union and co-financed by the Maltese Government.

The schemes for Financial Aid that one can apply for are:

Direct Payment Schemes
Less Favoured Areas
Agri-Environmental Measures 2007-2013
Agri-Environmental-Climate Measures 2014-2020
Organic Framing Measures 2014-2020
Areas with Natural Constraints

Payment Claims will be accepted from Tuesday, 20th March, 2018 until Tuesday, 15th May, 2018.

For more information one may:

visit the Agency's website on (www.arpa.gov.mt)
call on 22926148
send an email to (arpa.mesdc@gov.mt)
call personally at the Front Office at Pitkali Markets, Ta' Qali, l/o Ħ'Attard, or at the Front Office, Government Experimental Farm, Xewkija, Gozo

27th March, 2018

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Laqgħa ta' Informazzjoni

Il-Kunsill Santa Luċija qed jagħmel *market research* fuq sistemi ta' *CCTV Cameras* li hawn fis-suq lokali. Għaldaqstant se ssir laqgħa ta' informazzjoni li matulha se jingħata tagħrif dwar il-proġett li jixtieq iwettaq il-Kunsill f'diversi żoni f'Santa Luċija. Din il-laqgħa se ssir nhar il-Ħamis, il-5 ta' April, 2018, fl-10.00 a.m, fil-Pavillon ta' Ġnien is-Serenità, Santa Luċija. Dawk il-provdituri ta' dan l-apparat li huma interessati f'dan il-proġett jistgħu jattendu din il-laqgħa ħalli wara jkunu jistgħu jissottometti l-proposti tagħhom.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Kunsill bl-*email* (santalucija.lc@gov.mt), jew bit-telefown 2166 6600.

Is-27 ta' Marzu, 2018

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Information Session

The Santa Luċija Local Council would like to conduct a market research on CCTV Camera Systems. The aim is to introduce these systems in various areas within the locality. An information session will be held on Thursday, 5th April, 2018, at 10.00 a.m, at the Pavillon at the Garden of Serenity in Santa Luċija. Suppliers of such equipment are urged to attend this information session so that later they may submit their proposals.

More information can be obtained from the Council's Administrative Office by email (santalucija.lc@gov.mt), or by telephone number 2166 6600.

27th March, 2018

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf lill-pubbliku li nhar il-Ħadd, it-8 ta' April, 2018 bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, Triq Tunis, Triq l-Imħallef W. Harding, Triq Medjez, Emmanuel Decelis u Triq Salvatore Castaldi se jkunu magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja fihom.

Is-27 ta' Marzu, 2018

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Pembroke Local Council notifies the general public that on Sunday, 8th April, 2018 between 7.30 a.m. and noon, Triq Tunis, Triq l-Imħallef W. Harding, Triq Medjez, Triq Emmanuel Decelis and Triq Salvatore Castaldi will be closed for traffic and parking in these streets will not be allowed.

27th March, 2018

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonjiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt)

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, il-5 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/31/2018. Bażi ta' ftehim għall-kiri ta' *telescopic cranes* (2018-2020) għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/12/2018. Provvediment ta' servizz ta' *skip*, b'mod li jitħares l-ambjent, għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/13/2018. Provvista u installazzjoni ta' *laptops* għas-sezzjoni l-ġdida tal-ilma għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Tenders/quotations are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt)

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 5th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/31/2018. Framework agreement for the hire of telescopic cranes (2018-2020) for the Water Services Corporation.

Quot. No. WSC/Q/12/2018. Provision of skip service, in an environmentally friendly manner, for the Water Services Corporation.

Quot. No. WSC/Q/13/2018. Supply and delivery of laptops for new water section to the Water Services Corporation.

Kwot. Nru. WSC/Q/15/2018. Provvista u konsenja ta' *gasket flat rubber* 80mm-250mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/16/2018. Disinn, stampar, provvista u konsenja ta' rapport annwali 2017 għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-6 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/32/2018. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' ċilindri tal-gass għall-użu ta' strumenti tal-laboratorju għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-13 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/34/2018. Provvista u konsenja ta' *backhoe loader* ġdid għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-27 ta' Marzu, 2018

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-6 ta' April, 2018, għal:

Avviż. Nru WSC/T/27/2018. Provvista ta' *variable speed booster sets* għal proġett ta' ilma ġdid għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Quot. No. WSC/Q/15/2018. Supply and delivery of gasket flat rubber 80mm-250mm for the Water Service Corporation

Quot. No. WSC/Q/16/2018. Design, printing, supply and delivery of annual report 2017 for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 6th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/32/2018. Framework agreement for the supply and delivery of gas cylinders with the use for laboratory instruments to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 13th April, 2018 for:

Advt No. WSC/T/34/2018. Supply and delivery of a new backhoe loader to the Water Services Corporation.

No participation fee is required

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operpators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

27th March, 2018

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Friday, 6th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/27/2018. Supply of variable speed booster sets for new water project for the Water Services Corporation.

Avviż. Nru WSC/T/28/2018. *Telemetry operated motor control centres* għal proġett ta' ilma ġdid għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-27 ta' Marzu, 2018

Advt No. WSC/T/28/2018. Telemetry operated motor control centres for new water project for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

27th March, 2018

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Din l-offerta qed tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
This tender is being considered for European Union part-financing
Co-financing rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development
Europe Investing in Rural Areas

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-6 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/33/2018. Riabilitazzjoni ta' katusi tad-drenaġġ u katusi tal-ilma fi Ġnien is-Sultan, Ir-Rabat, għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Friday, 6th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/33/2018. Sewer mains and water mains rehabilitation at Ġnien is-Sultan, Rabat, for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-27 ta' Marzu, 2018

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

27th March, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex ikun parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-12 ta' April, 2018, għal:

*Kwot. Nru. WSC/Q/17/2018. Servizzi ta' *borehold rigger* għar-riabilitazzjoni tal-*ground water borehole* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

*Kwotazzjoni li qed tidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 12th April, 2018, for:

*Quot. No. WSC/Q/17/2018. Borehole rigger services for ground water borehole rehabilitation to the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

*Quotation appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession

jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-27 ta' Marzu, 2018

of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

27th March, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex ikun parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-13 ta' April, 2018, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/26/2018. Provvista u konsenja ta' *electrical panels* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż Nru. WSC/T/35/2018. Provvista ta' *automatic chlorine dispensing systems* għal *ground water pumping stations* u *reservoirs* – Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Friday, 13th April, 2018, for:

*Advt No. WSC/T/26/2018. Supply and delivery of electrical panels for the Water Services Corporation.

*Advt No. WSC/T/35/2018. Supply of automatic chlorine dispensing systems for ground water pumping stations and reservoirs – Water Services Corporation.

No participation fee is required.

*Advertisements appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website.

jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-27 ta' Marzu, 2018

More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

27th March, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex ikun parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, id-19 ta' April, 2018, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/36/2018. Provvista ta' strumentazzjoni għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 19th April, 2018, for:

*Advt No. WSC/T/36/2018. Supply of instrumentation to the Water Services Corporation.

*Advertisement appearing for the first time

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops

jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-27 ta' Marzu, 2018

being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

27th March, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex ikun parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

WASTESERV MALTA LTD

WasteServ Malta Ltd tgħarraf illi qed toffri materjal riċiklabbli għall-bejgħ, li għandu jinbiegħ *ex-works*. Il-materjal riċiklabbli disponibbli għax-xahar ta' Marzu jikkonsisti f'dan li ġej:

Plastic Bumpers Loose
Mixed Rigid Plastic Loose
Metal Ferrous Scrap Loose CA Site
Aluminium Profile Loose
Metal Ferrous Cans Loose MTP – Sorted
Cardboard Baled MN
Spoiled Cardboard Baled – MTP
Mixed Paper and OCC Baled Gozo
Mixed Plastic Baled MN

PS. L-oġġetti mmarkati (*) huma offruti bħala kuntratt ta' tunnellaġġ.

WasteServ tilqa' offerti (mingħajr VAT) għall-bejgħ ta' dawn l-oġġetti *tale quale* mingħajr garanzija u tikkuntattja lil dawk li beħsiebhom jixtru biex jintlaħaq ftehim rigward il-ġbir tal-materjali meħtieġa fiż-żmien miftiehem. L-oġġetti kollha msemmija għandhom jitqiesu bħala lottijiet separati. L-offerti għandhom jintbagħtu wara li timtela l-formola dettaljata li tista' titniżżel minn (www.wastesermalta.com) filwaqt li kopji stampati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji ta' SAWTP matul il-ħinijiet tal-uffiċċju jew jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-kumpanija. Din il-proċedura għandha tirrepeti ruħha kull xahar. Il-kumpanija tixtieq tgħarraf lill-offerenti biex jaraw il-materjal qabel ma jissottomettu l-offerta.

Offerenti lokali li huma interessati li jieħdu sehem f'dawn l-offerti jridu jipprovdu l-permessi rilevanti mill-

WASTESERV MALTA LTD

WasteServ Malta Ltd notifies that it is offering for sale various recyclable materials, to be sold ex-works. The recyclable materials available for the month of March shall consist of:

Plastic Bumpers Loose
Mixed Rigid Plastic Loose
Metal Ferrous Scrap Loose CA Site
Aluminium Profile Loose
Metal Ferrous Cans Loose MTP – Sorted
Cardboard Baled MN
Spoiled Cardboard Baled – MTP
Mixed Paper and OCC Baled Gozo
Mixed Plastic Baled MN

PS. Marked items (*) are offered as a tonnage contract.

WasteServ will receive offers (excluding VAT) for the sale of these fractions tale quale without warranty and shall contact prospective buyers to come to an agreement to collect the required materials in an agreed time-frame. All items shall be considered as separate lots. Offers are to be submitted by the completion of the detailed form available for download on the website (www.wasteservmalta.com) and hardcopies may be obtained from SAWTP offices during office hours or downloaded from the company's website. This procedure is intended to be repeated every month. The company wishes to advise bidders to view material prior to submitting offer.

Local bidders interested in taking part in such bids must provide relevant permits from the local authority (ERA) for

awtorità lokali (ERA) għall-ġestjoni ta' *waste streams* speċifiċi. Aġenziji barranin li huma interessati jixtru mill-oġġetti fil-lista għandhom jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżhom u mill-awtorità lokali (ERA) biex jittrattaw il-materjal ta' skart speċifiku. Fi kwalunkwe każ, it-trasport tal-iskart irid isir minn *waste carrier* irreġistrat, u l-esportazzjoni tal-iskart trid isseħħ skont it-*Trans Frontier Shipment of Waste Regulations*.

Qabel ma jitgħabbew xi *positive fractions,* l-offerent għandu jħallas l-ispiża kollha favur il-kumpanija skont il-kwantità mgħobbija. Mingħajr preġudizzju għal dak stipulat qabel, il-kumpanija tista', fid-diskrezzjoni unika tagħha, tagħmel arranġamenti ta' kreditu, li jiġu deċiżi mill-kumpanija. Fil-każ ta' *negative fractions,* jiġi applikat perjodu ta' kreditu ta' 120 jum.

Id-data tal-għeluq hija l-Ħamis, id-29 ta' Marzu, 2018, fl-10.00 a.m. Formoli tas-*sales order* għandhom jiġu depożitati fil-Kaxxa tal-Offerti fl-Uffiċċju Prinċipali tal-SAWTP, f'envelop magħluq u indirizzati lil *'Sales of Recyclables'* jew jittellgħu *online* fuq (https://www.wasteservmalta.com/sales).

Is-27 ta' Marzu, 2018

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur (Proġetti u Żvilupp) jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa rigward dan l-avviż jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt.

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, l-10 ta' April, 2018, għal:

